MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 748/2013

**Carmelo Abdilla & Sons Ltd**
**(C – 3575)**

**vs**
**Alfred Schembri & Sons Ltd.**
**(C – 11164)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 t'Awwissu, 2013, li permezz tieghu gie sintetikament espost is-segwenti:

1.1 Illi s-socjeta` rikorrenti hi kreditrici tas-socjeta` intimata fl-ammont komplessiv ta' mitejn u tnejn u erbghin elf, tlett mija u erbgha u sebghin Ewro u tnax –il centezmu, (€242,374.12), ghal ramel u zrar forniti lis-socjeta` intimata u ghall-imghaxijiet involuti kif deskritt fl-istess rikors guramentat promotur, (ara fol 1);

1.2 Illi in effetti s-socjeta` intimata gia` rrikonoxxiet id-debitu indikat fil-paragrafu precedenti favur is-socjeta` rikorrenti kif ukoll indikat fl-istess rikors guramentat promotur, (ara wkoll fol 1);

1.3 Illi jezistu l-elementi rikjesti taht l-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta biex il-kawza odjerna tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh stante li d-dejn in dizamina hu wiehed cert, likwidu u dovut u li ghalih is-socjeta` intimata m’ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq;

1.4 Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex:

1.4.1. Tiddeciedi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 fuq gia` indikat;

1.4.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ mitejn u tnejn u erbghin elf, tlett mija u erbgha u sebghin Ewro u tnax –il centezmu, (€242,374.12), prezz ta’ ramel u zrar, u imghaxijiet dovuti;

1.4.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess socjeta` intimata fuq indikata;

1.5. Sodisfatta bid-debita notifika tas-socjeta` intimata skont il-ligi;

1.6. Tirrileva li l-istess sojceta` intimata, nonostante d-debita notifika, baqghet fi stat ta’ kontumacia;

1.7. Rat id-dokumenti kollha annessi;

1.8. Semghet l-ammissjoni tas-socjeta` intimata kif riprodotta fil-verbal datat l-24 t’Ottubru, 2013;

Ikkunsidrat:

1.9. Illi in vista tal-istat ta’ kontumacia riskontrat u tal-ammissjoni tas-socjeta` intimata ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji t-talbiet kollha tal-istess socjeta` rikorrenti fuq indikata u konsegwentement:

**DECIDE:**

1.9.1. Filwaqt li tipprocedi bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikli 167 sa 170 tal-Kodici t’Organizzazzjoni u Procedura Civili;

1.9.2. Tikkunanna lis-socjeta` intimata Alfred Schembri & Sons. Limited biex thallas lis-socjeta` rikorrenti Carmelo Abdilla & Sons Limited is-somma ta’ mitejn, tnejn u erbghin elf, tlett mija u erbgha u sebghin Ewro u tnax –il centezmu, (€242,374.12), bilanc ta’ prezz ta’ ramel u zrar, u imghaxijiet dovuti lilha;

1.9.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mit-2 t’Awwissu, 2013, data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur *de quo*, sad-data tal-hlas effettiv.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------